f'Malta, sa fejn nafu aħna, ma ġiet mogħtija lil ħadd aktar.

Meta Ball ta' dik is-setgħa lil Buttigieg, fisser ruħu l-għala kien hekk ħanin miegħu. Ball qallu, li jaf b'kemm tar-ħeġġa u ħrara qabeż għal Artu, sa mill-bidu sewwa Rewwixta tal-Maltin għall-Franċiżi. U dan għamlu bi kbira ħsara ta' saħħtu, tiġrib ta' ħajtu u telf ta' ħwejġu. Barra minn hekk, jaf ukoll li baqa' jaħdem għal Artu bħala Rappreżentant ta' Ħaż-Żebbuġ. Dil-biċċa hi ta' bosta telf għalih, billi mhux f'kull ħin kien jista' joqgħod jaħdem fis-sengħa tiegħu ta' Nutar.

Għal dan it-taħbit ta' Buttigieg, Ball ried li jekk ma jħallsux tat-telf li ġarrab, għall-anqas jilqa' ħalli, il quddiem, ħsara iżjed ma jkollux. Għalhekk, Ball amar biex, f'Ħaż-Żebbuġ, l-ebda Nutar ieħor ma kien jista' jagħmel u jaħdem kull xorta ta' kuntratti, ħlief in-Nutar Pietru Buttigieg waħdu. Biex in-Nutari joqogħdu għal din ir-rieda ta' Ball, ġew imhedda pieni kbar. Min kien jikser dana l-amar tal-Gvernatur, barra milli l-kuntratti li jagħmel ma jkunu jiswew u jgħoddu xejn, in-Nutar kien jeħel ukoll 10 egħwieq kull darba. U dawn il-flus tal-piena kienu jmorru għall-għajnuna tal-fqar (tax-Xjuħ).

Iżda, b'dawn il-pieni kollha li ġew imhedda, meta siefer il-Gvernatur Ball, in-nies tmellħet minn dak kollu li kien amar dan. Flok ma baqgħet tinqeda bin-Nutar Buttigieg, bdiet issejjaħ Nutari oħra f'Ħaż-Żebbuġ. Terġa', mhux dan biss. Meta n-Nutari raw hekk, bdew huma wkoll jibagħtu l-Istipulanti tagħhom f'Ħaż-Żebbuġ biex jittallbu jagħmlu l-kuntratti lin-nies ta' hemm. B'hekk dawn in-Nutari mhux biss kienu jiksru l-amar ta' Ball, imma kienu jonqsu wkoll minn dak li jridu l-Liġijiet ta' Malta. Dawn kienu jgħidu li l-Istipulanti ma jistgħu jaħdmu mkien, ħlief fl-Offizzju ta' dak in-Nutar li miegħu jkunu.

Għal dan il-ksur tal-jeddijiet li kellu, Buttigieg kiteb lill-Gvernatur Cameron u fissirlu fuq is-setgħa li kien tah Ball. Għarrfu, li Ball tah din is-setgħa, billi dan ried juri lill-Maltin, li l-Gvern jaf jara x-xogħol li Buttigieg għamel għal Artu fi żmien l-Imblokk, bħala Kap tal-Battaljun fil-Kamp u bħala Rappreżentant ta' Ħaż-Żebbuġ. Għalhekk talbu biex iwettaq is-setgħa li tah Ball bi ħlas tax-xogħol li kien għamel għal Artu u għall-ġibda li wera lejn l-Ingliżi.

Il-Gvernatur laqa' t-talba ta' Buttigieg, u wettaq mill-ġdid l-amar ta' Ball.

Ġużè Gatt.

# TAQBIDA TA' ERWIEĦ FL-ARJU

......mimdud għall-mistrieħ ta' nofs in-nhar f'dar qalb ir-wex ġos-siġar tal-ħarrub, tingħi qalb il-ħbula tat-telegraf, tħaxtaħbat mal-bini għoli tad-dar u ssaffar minn bejn ix-xquq tal-bibien u tat-twieqi magħluqa. U dawk il-ħsejjes, jitħalltu u jitrikkbu, jitbiegħdu u joqorbu, jogħlew u jinżlu mal-jittajru u jiġġerrew fl-ajru mqabbdin f'taqbida tal-mewt mal-bniedem kiefer li mill-għoli ta' l-ajru, għamara tagħhom, irid joqtol il-ħlejjaq ħutu, bla ħtija.

Buffura riħ twassalli f'widnejja għajjat u twerżiq imdagħdagħ; għajjat ta' min sa jirbaħ u twerżiq ta' min sa jitlef, għajjat ta' min jagħmel ħila u twerżiq ta' min jiesu maqtugħ; ġiri ta' żwiemel, tkarwit ta' kanuni, tisfir ta' balal. U fis-saħna tat-taqbida stħajjiltni nara ġo sħaba duħħan iswed iġsma mtertqa, demm igelgel, dwiefer ta' żwiemel isabbtu fuq l-isdra miftuħa tal-midrubin, it-tellefin jaħarbu u r-rebbeħin jiġru warajhom.

Ir-riħ naqas, u naqsu l-ħsejjes tat-taqbida. Kienet għeja? kien qtigħ il-qalb? kien wiri ta' ħaġa b'oħra biex it-telliefa jduru fuq ir-rebbeħin għal għarrieda? Ma nafx x'kien; naf biss li f'daqqa waħda mewġa oħra għolja taħbat bis-saħħa mall-ħitan tad-dar, u t-taqbida ta' l-erwieħ ta' l-ajru reġgħet xegħlet darba oħra. U mill-ġdid smajt għajjat, twerżiq, żarżir, tkarwit, tisfir, tisbit.... u mill-ġdid rajt dħaħen, mejtin, dmija....

Ma' dik it-taħbita qawwija r-riħ waqa' f'daqqa, u żiffa il-mejta baqgħet tingħi weħidha u tħaxwex għajjiena qalb il-friegħi. U f'widnejja ħassejt jidwi l-krib tal-midrubin, il-leħġa ta' min sa jmut, it-tħarħir ta' min qiegħed jerfa', l-għajta maħnuqa u mitfija ta' min irid u ma jiflaħx jitħarrek, it-tnehida ta' l-aħħar tislima......

Kemm domt mimdud, dam igħanni r-riħ dik il-għanja waħxija ta' ħrib u ta' qtil, donnu biex iħabbar lid-dinja b'xi ħrib u qtil aktar qalil, jew inebbaħ id-dinja li, jekk iqumu għal xulxin il-ġnus, iqumu wkoll l-erwieħ ta' l-ajru, l-erwieħ tal-ħaqq u tas-sewwa biex igħakksu d-dnewwa, irażżnu l-kburija u ma jħallux tittiefes is-saltna tas-Sliema.

P. P. Saydon.

Awissu 1935
"Dar is-Sliem"
Bingħisa.